# Qima u Festi Ewkaristiċi fil-Parroċċa Tagħna

## Tony Terribile



Ninsabu fis-sena ddedikata lill-Ewkaristija Mqaddsa, imħabbra mill-mibki Papa Ġwanni Pawlu II u għalhekk ħsibt li jkun xieraq li f'din l-okkazjoni nagħtu ħarsa lejn il-qima u l-festi Ewkaristiċi marbuta mal-parroċċa tagħna.

Ftit wara li twaqqfet il-parroċċa tagħna, jiġifieri fl-1918 twaqqfet hawnhekk il-fratellanza tas-Santissimu Sagrament. L-iskop ta' din il-fratellanza kien it-tixrid u l-qima ewkaristika.

Kif inhu xieraq din il-qima diġà kellha għeruq tajba l-ewwelnett bil-ħidma tal-Patrijiet Franġiskani u t-tieni nett permezz tat-Terz'Ordni Franġiskan imwaqqaf fil-knisja tagħna sa mill-miġja ta' dawn ir-reliġjużi f'Tas-Sliema.

Wieħed mid-dmirijiet li kellhom dawn it-Terzjarji kien li jattendu kull raba' Ġimgħa tax-xahar għall-quddiesa li matulha Ġesù Ewkaristija kien ikun espost fil-ġirandola. Din il-quddiesa kienet tiġi ċċelebrata fis-sitta ta' filgħodu u għadd sabiħ ta' Terzjarji rġiel kienu jattendu lebsin it-tonika u n-nisa kienu jilbsu l-labtu.

Barra din id-devozzjoni, f'Ħadd qrib il-festa ta' l-Epifanija, it-Terzjarji kienu jġeddu l-att tal-konsagrazzjoni tat-Terz'Ordni lill-Qalb ta' Ġesù u għalhekk f'dan il-Ħadd wara nofsinhar kienu jagħmlu adorazzjoni solenni li kienet tispiċċa bil-qari ta' l-Att tal-Konsagrazzjoni f'riġlejn Ġesù Ewkaristija.

Mat-twaqqif tal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament, kibret fil-parroċċa l-qima Ewkaristika, l-ewwelnett bil-Vjatku. Mad-daqq tal-qanpiena għadd ta' rġiel u nisa kienu jiġru lejn il-knisja biex jaqbdu u jakkompanjaw lil Ġesù Ewkaristija. It-tfal kienu jilbsu ż-żimarri ħomor u min kien idoqq il-qanpiena, min kien iżomm il-borża u min kien iżomm it-tronett u fratell kien iżomm l-umbrella. Il-gwerra waqfet din id-drawwa sabiħa, iżda meta din intemmet, il-fratellanza bdiet torganizza Vjatku Solenni ta' żmien l-Għid.

Kien joħroġ l-ewwel darba filgħodu għall-ħabta tas-sebgħa, nhar Ħadd fuq l-Għid u Vjatku solenni ieħor kien isir Ħadd wara.

Niftakar għadd sabiħ ta' fratelli u konsorelli jakkumpanjaw f'dan il-vjatku bħalma niftakar lit-tfal kollha tad-duttrina jakkumpanjaw bil-kant ta' l-innijiet Ewkaristiċi mmexxija mis-Sur Kalċidon u martu s-Sinjura Melita Calleja. Illum ukoll din ix-xena sfumat fix-xejn.

Il-fratelli u l-konsorelli tas-sagrament daħħlu mbagħad devozzjoni oħra sabiħa fil-parroċċa tagħna. Din kienet magħrufa bħala l-purċissjoni tat-Terza, għar-raġuni li din kienet issir kull tielet Ħadd tax-xahar wara l-quddiesa kantata tad-disgħa. F'din il-purċissjoni Ewkaristika kienu jakkumpanjaw il-fratelli u n-nisa u kienet iddur mad-dawra tal-knisja, jiġifieri Triq il-Knisja. Wara, kienet tingħata l-Barka. Għal din il-purċissjoni kien jintuża l-baldakkin iż-żgħir li għadu hemm sa llum.

Mal-mixja tas-snin imbagħad, il-fratellanza daħħlet festa oħra, f'ġieħ San Baskal Baylon, qaddis Spanjol ta' l-Ordni Franġiskan u li kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija. Hu wkoll il-qaddis patrun tal-Kungressi Ewkaristiċi.

Din il-festa kienet tiġi ċċelebrata f'Ħadd qrib is-17 ta' Mejju. Kienet issir quddiesa kantata bil-paneġierku u purċissjoni fil-knisja bir-relikwa filwaqt li l-istatwa kienet tiġi armata taħt in-nava tal-Madonna.

Kien jaħdem ħafna għal din il-festa s-Sur Harry Clarke li għamel żmien twil rettur tal-Fratellanza tas-Sagrament.

Fl-imgħoddi l-festa kbira ta' Corpus Domini kienet tiġi ċċelebrata b'solennità kbira wisq aktar mil-lum.

Il-Ħamis, il-jum proprju tal-festa kienu jiċċelebrawha l-parroċċa ta' Stella Maris, u aħna jkollna niċċelebrawha Ħadd wara.

Għal din il-festa l-artal kien jiġi armat *Bil-Kontri* jiġifieri bi tletin xemgħa, għaxra fuq kull skanell u fuq il-mensa kienu jarmaw ghaxra oħra. Bejn il-gandlieri kienu jarmaw għadd ta' gladjoli bojod u fin-nofs il-ġirandola.

Lejlet u nhar il-festa kien jitkanta l-Għasar bl-orkestra mmexxija mis-Surmast Ġużeppi Camilleri.

Il-kappillan kien ikun iċ-ċelebrant ta' din il-festa. Fid-disgħa ta' filgħodu kienet issir quddiesa kantata bil-ministri u wara, issir purċissjoni bis-Sagrament u kien jintuża l-baldakkin il-kbir. Din kienet tgħaddi minn Triq San Trofimu, Triq San Ġwann Battista, Triq il-Karmnu, Triq Santa Marija u ddur għall-knisja. Dawn it-toroq kienu jiżżejnu bil-qsari, bil-fjuri u bit-twapet. Filgħaxija mbagħad kien isir paneġierku ta' madwar nofs siegħa u wara li jsir il-kant ta' l-Għasar kienet toħroġ il-purċissjoni li din kellha d-dawra l-kbira, jiġifieri Triq San


*Is-Sepulkru*

Trofimo, Triq Rudolph, Triq Prince of Wales (illum Manwel Dimech), Triq San Duminku u Triq San Trofimo.

Dawn it-toroq kienu jintramaw b'għadd kbir ta' qsari u twapet. Fi Triq Prince of Wales kienet tingħata l-Barka Sagramentali darbtejn, l-ewwel fid-dar ta' l-Avukat Salamone u l-oħra fil-ħanut ta' Diomede Azzopardi.

Kienet tkun purċissjoni sabiħa u twila bl-i*Scouts* u saħansitra wkoll kienu jiġu jakkompanjaw il-patrijiet tal-Belt, flimkien ma' għadd kbir ta' tfal libsin tal-preċett.

Waqt il-Barka u kif ukoll fil-kantunieri kienet tindaqq fanfarra minn Scouts.

Illum differenza kbira!!

Ħadd wara mbagħad konna niċċelebraw il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, festa oħra Ewkaristika.

Bħala tħejjija kienu jsiru tlett ijiem ta' preparazzjoni li jibdew il-Ħamis u jispiċċaw is-Sibt. Kienet issir priedka, titkanta l-litanija tal-Qalb ta' Ġesù u fl-aħħar tingħata l-Barka.

Il-purċissjoni mbagħad kienet issir il-Ħadd filgħaxija u kienet tieħu rotta oħra għaliex minn Triq San Trofimo ddur għal Triq Rudolph, fejn kienet tingħata l-Barka Sagramentali fil-parapett ta' Villa Schinas u wara kienet iddur għal Triq Santa Marija għall-knisja.

Kienet tkun purċissjoni oħra twila u sabiħa li fiha kienu jakkumpanjaw il-patrijiet tal-komunità tar-Rabat filwaqt li l-gwardjan kien imexxi l-purċissjoni.

It-toroq li semmejna kienu wkoll jiġu armati b'mod sabiħ bil-qsari u t-twapet.

Fil-knisja mbagħad kien isir l-att tal-konsagrazzjoni tal-Parroċċa lill-Qalb ta' Ġesù. Għal din l-okkazjoni kien jerġa' jiġi s-Surmast Camilleri filwaqt li l-artal kien jiġi armat b'għadd ta' gladjoli ħomor.



*L-artal ta' San Baskal*

B'rabta ma' l-Ewkaristija Mqaddsa kienu wkoll il-Kwaranturi. Dawn għadhom isiru sa llum kif kienu jsiru minn dejjem jiġifieri fl-aħħar tlett ijiem tas-sena iżda kienu jkunu ferm differenti. Ġesù Ewkaristija kien jiġi sponut fil-ġirandola wara l-quddiesa tal-ħamsa ta' filgħodu u jibqa' sponut ta' filgħaxija.

Kull nofs siegħa l-fra kien idoqq tokk bil-qanpiena l-kbira biex ifakkarna li Ġesù Sagramentat kien ikun espost għal qima tal-fidili u filgħaxija kien dejjem jitkanta l-Għasar bil-mużika tas-Surmast Ġużeppi Camilleri.

Il-qofol tal-kwaranturi kien jintlaħaq nhar il-31 ta' Diċembru, l-aħħar jum tas-sena, meta barra l-priedka u l-kant ta' l-Għasar kienet issir purċissjoni madwar il-knisja waqt il-kant tat-*Te Deum*.

Għall-Kwaranturi l-artal kien jiġi armat bħall-festi ta' *Corpus* u tal-Qalb ta' Ġesù, jiġifieri bi tletin xemgħa. Il-mużika għal dawn it-tlett ijiem kienet titħallas permezz tal-kera li kienu jdaħħlu l-patrijiet tal-post nru. 22 Triq San Ġwann Battista.

Inħoss id-dmir li għandi nagħlaq din il-kitba billi nsemmi żewġ parruċċani li kienu devoti kbar ta' l-Ewkaristija Mqaddsa u fl-istess ħin benefatturi tal-parroċċa. Xieraq li ż-żmien ma jnessix it-tifkira tagħhom.

L-ewwel waħda kienet is-Sinjura Rozima Grech Mallia li bi flusha għamlet l-artal ta' l-irħam tal-kappella tas-Sagrament, il-kwadru tal-mużajk ta' San Baskal Baylon fuq l-istess artal u kif ukoll il-par anġli ta' l-irħam fuq il-ġnub ta' l-artal tas-Sagrament.

Xieraq ukoll li nsemmu lis-Sur Krispin Mangion li għal snin twal matul is-sena kollha, fix-xemx u fix-xita, kien iwassal lill-kappillan u l-viċijiet, bil-karrozza tiegħu, biex iqarbnu lix-xjuħ u l-morda tal-parroċċa.

Illum iż-żminijiet inbidlu u daħlu devozzjonijiet ġodda li qatlu lil dawk ta' qabilhom, iżda l-għeruq tal-qima Ewkaristika fil-parroċċa tagħna għadhom hemm u jalla dawn ikomplu jikbru fis-snin futuri.




La Bomboniera

*Souvenirs, Invitations and Gifts for Weddings and other special occasions*

25 High Street, Sliema

Tel: 2131 2503 / 2137 1538

Mob: 7970 5819

e-mail: testarossa@onvol.net